

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 25.7.2007  
KUMM(2007) 448 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-  
PARLAMENT EWROPEW**

**Rapporti mill-Istati Membri dwar tipi ta' mġiba li kisru serjament ir-regoli dwar il-  
Politika Komuni tas-Sajd fl-2005**

## KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

### Rapporti mill-Istati Membri dwar tipi ta' mgħiba li kisru serjament ir-regoli dwar il-Politika Komuni tas-Sajd fl-2005

#### 1. DAĦLA

Bil-għan li jiżdied il-livell ta' trasparenza fir-rigward ta' kif l-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi tagħhom fl-infurzar tar-regoli Komunitarji, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1447/1999 introduċa<sup>1</sup> l-obbligu li l-Istati Membri jirrapportaw lill-Kummissjoni kull sena dwar kemm instabu każijiet ta' ksur "serju" u dwar is-sanzjonijiet li ġew imposti. Għal dan il-għan, ir-Regolament imsemmi stabilixxa lista ta' 19-il tip ta' ksur tar-Regoli Komunitarji li tqiesu li huma partikolarment serji. L-Istati Membri huma obbligati jiżguraw li jittieħdu l-miżuri xierqa kontra l-persuni naturali jew ġuridiċi li jiksru r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd<sup>2</sup>.

It-tipi ta' mgħiba elenkati huma marbuta ma' l-aktar obbligi importanti imposti mir-regoli Komunitarji dwar il-konservazzjoni ta' l-istokkijiet, il-monitoraġġ u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tas-sajd.

Il-proċedura għar-rappurtar ta' informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni hija stipulata fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1740/1999<sup>3</sup>. Id-Data trażmessa b'mezzi elettroniċi għandha tippermetti paragun bejn l-Istati Membri f'dak li jirrigward l-effettività ta' l-infurzar tagħhom tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd. Lil hinn mill-għan li tiżdied it-trasparenza, l-għan aħħari tal-leġiżlatur huwa li tinkiseb progressivament arena ġusta fost is-sajjieda li, ladarba jserrġu rashom li r-regoli huma applikati bl-istess mod madwar il-Komunità Ewropea, ikollhom kunfidenza akbar fl-awtoritajiet ta' kontroll u jirrispettaw ir-regoli Komunitarji dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd.

Din il-Komunikazzjoni tirreferi għall-każijiet ta' mgħiba li jiksru serjament ir-regoli tal-PKS u li għalihom infetaħ fajl mill-awtoritajiet nazzjonali fl-2005. Din hija s-sitt Komunikazzjoni dwar din il-kwistjoni. Il-Kummissjoni ppreżentat l-aktar data rilevanti għas-sena 2000 fil-Komunikazzjoni tagħha tat-12 ta' Novembru 2001<sup>4</sup>, għall-2001 fil-Komunikazzjoni tagħha tal-5 ta' Diċembru 2002<sup>5</sup>, għall-2002 fil-Komunikazzjoni tagħha tal-15 ta' Diċembru 2003<sup>6</sup>, għall-2003 fil-Komunikazzjoni tagħha tat-30 ta' Mejju 2005<sup>7</sup> u għall-2004 fil-Komunikazzjoni tagħha ta' l-14 ta' Lulju 2006<sup>8</sup>.

---

<sup>1</sup> ĠU L 167, 02.07.1999, p.5

<sup>2</sup> Art. 25 R. 2371/2002.

<sup>3</sup> ĠU L 328, 22.12.1999, p.62.

<sup>4</sup> COM(2001) 650, 12.11.2001.

<sup>5</sup> COM(2002) 687, 05.12.2002.

<sup>6</sup> COM(2003) 782, 15.12.2003.

<sup>7</sup> COM(2005) 207, 30.05.2005.

<sup>8</sup> COM(2006) 387, 14.07.2006.

## 2. RAPPORTI MILL-ISTATI MEMBRI GĦALL-2005

Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1740/1999 jistipula r-regoli dettaljati għat-trażmissjoni tad-data li tirrigwarda tipi ta' mgħiba li kisru serjament ir-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd. Id-data għandha tintbagħat b'mezzi elettroniċi. Abbażi ta' din id-data, is-servizzi tal-Kummissjoni jipproduċu tabelli annessi mal-Komunikazzjoni. Dawn it-tabelli huma maħsuba biex jenfasizzaw l-aktar fatturi interessanti li jirriżultaw mir-rapporti ta' l-Istati Membri.

Huwa importanti li nenfasizzaw li d-data murija hija dik li jipprovdu l-Istati Membri. L-Istati Membri ngħataw il-possibbiltà li jivverifikaw dawn iċ-ċifri qabel ma l-Komunikazzjoni tiġi ffinalizzata mill-Kummissjoni.

## 3. TAGĦRIF SUPPLEMENTARI PPROVDUT MILL-ISTATI MEMBRI

Peress li l-interpretazzjoni tat-tagħrif miġbur mhijiex faċli, għaladarba tikkonsisti esklussivament mill-settijiet ta' ċifri, u xi data sa ċertu punt tista' tqarraq b'dak li jkun, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri sabiex iressqu informazzjoni supplimentari li qisuha utli biex jiċċaraw l-analiżi taċ-ċifri.

Tagħrif supplimentari ġie pprovdut minn ċerti Stati Membri L-elementi ewlenin jistgħu jingħataw fil-qosor b'dan il-mod:

- Il-proċedimenti (amministrattiva jew kriminali) għas-sanzjonament ta' ksur tar-regoli tal-PKS ġeneralment itulu. Fil-medja, iż-żmien meħtieġ sat-tmien tal-proċediment kollu jidher li jkun bejn 8 u 12-il xahar. Il-proċedimenti kriminali ġeneralment l-aktar li jtulu (huma biss proċedimenti kriminali li jiġu applikati fil-Belġju, l-Irlanda, l-Olanda u l-Finlandja);
- Ftit kienet l-informazzjoni li nġabret dwar l-ispeċijiet li l-aktar huma kkonċernati bi ksur serju: ġeneralment l-ispeċijiet li għalihom hemm fis-seħħ pjanijiet ta' rkupru jew miżuri nazzjonali restrittivi, daww b'valur kummerċjali għoli (i.e. merluzz, aringi, pixxisanpietru, barbun imperjali, spnott, arzelli...) u f'daww l-oqsma li fihom ikunu seħħew każijiet ta' ksur gravi;
- Jidher li l-maġġoranza tal-każijiet ta' ksur jiġu identifikati minn Stati Membri fi ħdan iż-ŻEE tagħhom – ħaġa evidenti – iżda għalissa mhux possibbli li l-Kummissjoni tispeċifika ż-żoni ta' l-ICES li fihom jkun seħħ il-ksur peress li l-maġġoranza tar-rapporti nazzjonali ma jipprovdux dettalji bħal dawn.

Bil-għan li jitwessa' l-ambitu tal-Komunikazzjoni, għall-ewwel darba din il-Komunikazzjoni tinkludi referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-aqwa prassi. Fost l-istrumenti ġuridiċi l-ġodda dwar l-infurzar fil-qasam tas-sajd li ġew adottati dan l-aħħar, ta' min wieħed isemmi:

- Fl-4 ta' April 2006, l-Irlanda daħħlet fis-seħħ is-"Sea Fisheries and Maritime Jurisdiction Act 2006", sabiex taġġorna r-regolament nazzjonali Irlandiżi għall-kontroll tas-sajd fil-baħar u biex tiggarrantixxi l-konformità ma' l-obbligi ta' kontroll tal-Politika Komuni tas-Sajd. Dan l-Att żied il-penalitajiet għar-reati marbuta mas-sajd;
- Franza esprimiet l-intenzjoni tagħha li temenda ma ddumx ir-reġim ta' kontroll applikabbli għall-PKS biex is-sanzjonijiet isiru aktar effettivi. Għadd ta' miżuri amministrattivi sabiex tissaħħaħ l-effikaċja tas-sanzjonijiet diġà ġew adottati fl-2005;

- Ir-Renju Unit ħareġ miżuri addizzjonali ta' kontroll f'Settembru 2005, billi introduċa skema ġdida għar-reġistrazzjoni ta' l-ewwel xerreġja tal-ħut. L-Aġenzja Skoċċiża għall-Protezzjoni tal-Ħut (SFPA) laqgħet ftehim mas-Servizz ta' Prosekuzzjoni ta' l-Uffiċċju tal-Kuruna, skond liema l-każijiet jistgħu jitressqu quddiem il-Procurator Fiscal, li jista' jimponi penali fiskali; dawn il-każijiet mhumiex ippreżentati quddiem qorti u jiġu ttrattati fi proċedura amministrattiva;
- fl-2005, Spanja adottat att amministrattiv li jstabilixxi kriterji dettaljati għall-applikazzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi f'każijiet ta' ksur fis-settur tas-sajd;
- il-Portugall adotta linji ta' gwida sabiex itejjeb l-ispezzjonijiet u l-azzjonijiet ta' segwitu għall-każijiet ta' ksur;
- l-Iżvezja ħabbret l-introduzzjoni ta' emenda għas-sistema ta' sanzjonijiet li lill-amministrazzjoni tippermettilha tiffissa s-sanzjonijiet amministrattivi (konfiski, irtirar ta' awtorizzazzjonijiet ) ladarba l-Qorti tkun iddikjarati li l-akkużat ikun ħati ta' ksur serju tar-regoli tas-sajd.

#### 4. KAŻIJET TA' KSUR SERJU MQABBLA MA' L-GĦADD TA' BASTIMENTI TAS-SAJD F'KULL STAT MEMBRU

It-tabella li ġejja tindika l-għadd ta' bastimenti elenkati fir-Reġistru ta' Bastimenti tas-Sajd għal kull Stat Membru fil-31 ta' Diċembru 2005, flimkien ma' l-għadd totali ta' każijiet ta' ksur serju misjuba u rrapportati mill-Istati Membri (esklussivament) għal bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom. Ma jkunx eżatt li nisiltu konklużjonijiet sodi sempliċement billi nqabblu l-Istati Membri abbażi ta' dawn iċ-ċifri, peress li l-każijiet ta' ksur mhux dejjem huma marbuta ma' l-azzjonijiet tas-sajjieda iżda wkoll dawk ta' operaturi ekonomiċi oħra. Madankollu, għall-maġġoranza ta' l-Istati Membri, jidher li l-għadd ta' każijiet ta' ksur li nstabu, meta mqabbla mad-daqs tal-flotta tagħhom, jenfasizza n-nuqqasijiet kbar fl-attivitàjiet ta' kontroll jew saħansitra nuqqas totali ta' kontroll f'ċerti Stati Membri.

Stat Membru	L-għadd ta' bastimenti	Każijiet ta' ksur serju
Il-Belġju	121	22
Id-Danimarka	3269	361
Il-Ġermanja	2121	96
Il-Greċja	18279	377
L-Estonja	1045	19
Spanja	13684	2949
Franza	7859	864
L-Irlanda	1415	109
L-Italja	14426	3280
Ċipru	886	9
Il-Latvja	928	132
Il-Litwanja	271	3
Malta	1420	3
L-Olanda	828	117
Il-Polonja	974	105
Il-Portugall	9186	761
Is-Slovenja	173	13

<b>Il-Finlandja</b>	<b>3267</b>	<b>25</b>
<b>L-Iżvezja</b>	<b>1639</b>	<b>53</b>
<b>United Kingdom</b>	<b>6766</b>	<b>234</b>

## 5. IR-RAPPORTI MRESSQA MILL-ISTATI MEMBRI

L-għadd totali ta' każijiet irrappurtati mill-Istati Membri huwa ta' 10 443, imqassam fuq il-lista kollha ta' ksur inklużi fl-elenku tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1447/1999. In-numru huwa 8.11% ogħla milli fl-2004: ix-xejra lejn żieda fl-għadd ta' każijiet ta' ksur misjuba b'hekk hija kkonfermata, minkejja li wieħed għandu jkoll it-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea. Preċiżament, l-Istati Membri sabu 783 infrazzjoni aktar milli fl-2004, iżda l-flotta żdiedet b'5 697 unità mill-Adeżjoni ta' l-2004. Bil-għan li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju ta' paragun, għandna nqisu li l-għadd ta' każijiet ta' ksur serju li nstabu fis-snin preċedenti kien ta' 7 298 fl-2000, 8 139 fl-2001, 6 756 fl-2002, 9 502 fl-2003 u 9 660 fl-2004.

Għandna wkoll inqisu li xi wħud mill-Istati Membri fl-2005 rrappurtaw żidiet jew tnaqqisiet sinifikanti, li ma jistgħux jiġu spjegati, meta mqabbla ma' l-għadd ta' każijiet misjuba fl-2004. Dan jista' jkun parzament minħabba l-fatt li, kif diġà enfasizzat fil-Komunikazzjonijiet preċedenti, l-għadd ta' każijiet ta' ksur irreġistrati jistgħu jinkludu (jew le) każijiet ta' ksur ta' regoli li ma jkunux dawk tal-PKS u/jew ikunu marbuta ma' attivitajiet li jseħħu f'ilmijiet interni inkella waqt sajd rikreattiv, skond il-linji ta' gwida nazzjonali.

L-elementi ewlenin tat-tabelli annessi jistgħu jingħataw fil-qosor b'dan il-mod:

74% tal-każijiet ta' ksur instabu minn Spanja, l-Italja u l-Portugall. Dawn il-pajjiżi huma wkoll fost dawk bl-akbar għadd ta' bastimenti. Is-sajd mhux awtorizzat jirrigwarda 23% tal-każijiet, filwaqt li l-ħżin, l-ipproċessar, it-tqegħid fis-suq u trasport ta' prodotti tas-sajd li ma jissodisfawx l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni fis-seħħ jirrigwardaw 17%, jew it-tieni l-akbar kategorija. Fit-tielet post huwa s-sajd mingħajr liċenzja (15%). Dawn il-perċentwali huma simili għal dawk ta' l-2004 u fil-fatt il-maġġoranza tal-każijiet ta' ksur li nstabu mill-2000 jirrigwardaw dawn it-tliet tipi ta' mgħiba, filwaqt li ftit ferm każijiet (inqas minn 10%) jirrigwardaw tipi oħra ta' każijiet ta' ksur serju għar-regoli tal-PKS. L-għadd ta' każijiet ta' tbaġħbis tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMS) kważi rdoppja fl-2005 meta mqabbel mas-snin preċedenti. Madankollu, jidher li għadu baxx meta jitqiesu l-osservazzjonijiet li għamlu l-ispetturi tal-Kummissjoni.

Fl-2005, 8 665 proċediment intemmu b'sanzjoni. Għad hemm differenzi kbar u inspjegabbli f'dak li jirrigwarda l-istess tip ta' infrazzjoni madwar l-UE u l-multa medja imposta madwar l-UE fil-proċedimenti li ntemmu b'penali fl-2005 tammonta għal EUR 1 548: din iċ-ċifra hija inqas minn nofs il-multa medja imposta fl-2003 (EUR 4 664) u inqas mill-multa medja imposta fl-2004 (EUR 2 272). Kien hemm ukoll tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' liċenzji rtirati, u dan jidher ukoll fit-tabelli mehmuża (335 biss, meta mqabbla ma' l-1 226 fl-2004). Kienu biss id-Danimarka u l-Greċja li użaw din il-piena f'aktar minn 10% tal-każijiet ta' ksur sanzjonati. Spanja u Franza rrappurtaw 1 u 8 każijiet ta' rtirar rispettivament.

Fl-aħħarnett, niġbdu l-attenzjoni għall-konsiderazzjoni li l-ammont imħallas mill-industrija tas-sajd bħala konsegwenza tal-penalitajiet finanzjarji imposti fl-2005 (EUR 10.8 miljun) jibqa' pjuttost insinifikanti peress li jirrappreżenta biss 0.17% tal-valur tal-qabdi li nħattu l-art fl-2004.

## 6. RIMARKI ĠENERALI DWAR IR-RAPPORTI MILL-ISTATI MEMBRI

Wara li enfasizzat għal darb'oħra kemm huwa diffiċli li wieħed jinterpreta l-ġabra ta' ċifri li jidhru fit-tabelli, mingħajr il-kummenti mill-Istati Membri, il-Kummissjoni tikkonkludi li s-sitwazzjoni mhux veru tgiebet meta mqabbla ma' dik tas-sena l-oħra.

Huwa partikolarment inkwetanti li l-livell inadegwat ta' sanzjonijiet imposti fil-maġġoranza tal-każijiet misjuba kif ukoll il-probabbiltà baxxa li wieħed jinqabad u jiġi segwit mill-awtoritajiet ta' kontroll jista' jikkonvinċi lis-sajjied li l-benefiċċji ekonomiċi li jista' jieħu billi jikser ir-regoli jagħmlu tajjeb għar-riskju li jieħu. Livell inkongruenti ta' penaltajiet lill-industrija tas-sajd jippermettulha tqis l-ispejjeż imposti għal inifrazzjonijiet tar-regoli tal-PKS sempliċement bħala spiża operattiva ordinarja ta' l-impriża, u dan ixerjen kwalunkwe inċentiv reali għall-ksib tal-konformità.

Il-Kummissjoni għal darb'oħra tappella lill-Istati Membri sabiex jiggarrantixxu sistema ta' sanzjonijiet li jkollha effett deterrenti u sabiex jemendaw il-leġislazzjonijiet tagħhom, kif jixraq, biex is-sanzjonijiet ikollhom effett dissuaziv. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tissuġġerixxi li, b'regola ġenerali, hija u tikkalkola l-penali, l-awtorità għandha tqis il-valur tal-qabdiet abbord. Barra minn hekk, minkejja li l-Istati Membri huma ħielsa biex jadottaw il-proċeduri li jidhrilhom huma l-aktar xieraq, il-Kummissjoni tixtieq ittenu l-fehma tagħha li sanzjoni amministrattiva bħas-sospensjoni tad-dritt għas-sajd jew tad-dritt għat-twettiq ta' attivitajiet professjonali hija għodda effettiva ferm biex tittejjeb il-konformità mar-regoli tal-PKS, għaliex din tista' tiġi applikata malajr u għandha effett immedjat. Il-Kummissjoni nnutat li xi Stati Membri introduċew din il-miżura li qabel ma kinitx teżisti fis-sistema legali tagħhom. Hija ħasra li l-maġġoranza ta' l-Istati Membri għad ma bdewx jużaw din l-għodda, għallinqas meta l-infrazzjoni tant tkun serja li l-ftuħ ta' proċedimenti kriminali jkun ġustifikat.

## 7. KAŻIJET TA' KSOR MISJUBA FIL-QAFAS TA' L-ORGANIZZAZZJONIJIET REĠJONALI TAS-SAJD (RFMOs)

Diversi RFMOs stabilixxew skemi ta' kontroll, jew dalwaqt jadottawhom, li jipprevedu r-reġstrar tal-każijiet ta' ksur. Pereżempju, skemi bħal dawn jeżistu fi ħdan l-Organizzazzjoni tas-Sajd fil-Majjistral ta' l-Atlantiku (NAFO), l-Organizzazzjoni tas-Sajd fil-Grigal ta' l-Atlantiku (NEAFC), u l-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin ta' l-Antartiku (CCAMLR).

L-RFMOs stabilixxew il-listi tagħhom ta' każijiet ta' ksur tar-regoli adottati għal għanijiet ta' konservazzjoni li għandhom jitqiesu bħala "serji". Dawn il-każijiet ta' ksur mhumiex irrappurtati bħala tali fil-kuntest ta' din il-Komunikazzjoni, iżda l-Kummissjoni tassumi li il-każijiet ta' ksur tar-regoli tal-PKS minn bastimenti li joperaw fil-qafas ta' l-RFMOs imsemmija hawn fuq huma mniżżla fost il-każijiet innotifikati lill-Kummissjoni għall-iskopijiet ta' din il-Komunikazzjoni.

Ta' min niftakru li l-Komunità Ewropea tressaq rapport annwali lill-Organizzazzjonijiet imsemmija dwar il-każijiet ta' ksur misjuba u notifikati lis-servizzi tal-Kummissjoni mill-awtoritajiet nazzjonali ta' kontroll. Madankollu mhux possibbli li wieħed iqabbel id-*data* trażmessa lill-RFMOs u dik murija fl-annessi għal din il-Komunikazzjoni, peress li t-tipi ta' każijiet ta' ksur mhumiex identiċi.

Fil-kuntest ta' l-RFMOs, jidher li nstabat 11-il infrazzjoni allegata, fir-rigward ta' bastimenti Komunitarji fiż-żona tan-NEAFC fl-2005. L-ebda infrazzjoni minn bastimenti Komunitarji

ma nstabet fiż-żona CCAMLR. Fir-rigward tan-NAFO, 10 każijiet ta' dak li deher li kien ksur minn bastimenti Komunitarji ġew notifikati minn partijiet kontraenti oħra. Din iċ-ċifra għad trid tiġi vvalidata min-NAFO.

Għal finijiet ta' trasparenza, il-Kummissjoni kieku tixtieq li tqabbel l-għadd ta' każijiet ta' ksur serju minn bastimenti Komunitarji u miżjuba fiż-żoni ta' kompetenza ta' l-RFMOs ma' l-għadd ta' każijiet ta' ksur serju minn Partijiet Kontraenti oħra fl-istess żoni. Kwalunkwe progress f'dan il-qasam, madankollu, se jkun soġġett għal tibdil fil-politika ta' l-RFMOs responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' l-istatistika dwar każijiet ta' ksur serju miżjuba fiż-żoni ta' kompetenza tagħhom.

## 8. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

Il-Kummissjoni għada tqis din il-Komunikazzjoni bħala għodda potenzjalment utli biex tqabbel ir-rendiment ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-konformità mar-regoli tal-PKS. Il-maġġoranza ta' l-Istati Membri jaqblu mal-Kummissjoni.

Il-valur tal-pubblikazzjoni annwali tal-Komunikazzjoni dwar "każijiet ta' ksur serju" se jiġi vvalutat fil-kuntest tal-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti madwar l-Istati Membri, kif kien ġie enfasizzat matul id-deċiżjonijiet dwar ir-riforma tal-PKS fl-2002. Ħafna huma tal-fehma li hija ta' importanza kbira li tinkiseb trasparenza sħiħa fir-rigward tas-sanzjonijiet li japplikaw l-Istati Membri għal każijiet ta' ksur tar-regoli tal-PKS sabiex jittejjeb l-infurzar. Madankollu, l-esperjenza li nkisbet permezz tal-Komunikazzjonijiet dwar "każijiet ta' ksur serju", bejn is-sena 2000 sa l-2005, uriet biċ-ċar li dan mhux se jkun possibbli mingħajr emendi kbar fit-testi ġuridiċi tal-Komunità u tal-proċeduri nazzjonali.

F'dak li jirrigwarda t-testi ġuridiċi, wara l-impenn tagħha li ttejjeb il-kontenut tad-dokument, kif jissema fil-Komunikazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni kellha konsultazzjonijiet ma' l-Istati Membri biex tiġbor is-suġġerimenti tagħhom. Id-dibattitu enfasizza li kwistjoni fundamentali waħda tirrigwarda d-definizzjoni tat-tipi ta' mġiba li serjament tikser ir-regoli tal-PKS. Ġeneralment jinħass li t-tipi elenkati fit-testi ġuridiċi Komunitarji mhumiex speċifiċi biżżejjed, u din hija sitwazzjoni li twassal għal interpretazzjonijiet differenti fost l-Istati Membri.

Bil-għan li tindirizza dan il-punt, fil-31 ta' Mejju 2006, lill-Grupp ta' Esperti dwar il-Kontroll tas-Sajd il-Kummissjoni ppreżentatlu għall-iskrutinju suġġerimenti dwar tipoloġija ġdida ta' każijiet ta' ksur, kif ukoll dwar kif il-qafas tal-Komunikazzjoni jista' jiġi emendat.

Il-Kummissjoni b' mod partikolari pproponiet:

- li l-ambitu tal-Komunikazzjoni jiċċekken billi jiġu sorveljati biss il-każijiet ta' ksur ta' dawk ir-regoli tal-PKS li jitqiesu bħala l-aktar importanti fost dawk li huma l-aktar "serji". Każijiet ta' ksur ta' regoli nazzjonali jew li jsiru minn sajjieda mhux professjonali ma jibqgħux jiġu rreġistrati;
- deskrizzjoni aħjar ta' kull tip ta' infrazzjoni; kif ukoll
- it-twessigħ tal-kontenut tar-rapporti mill-Istati Membri li b'mod partikolari jinkludu informazzjoni dwar il-qagħda soċjoekonomika ta' min jisker il-liġi u dwar l-impatt effettiv tas-sanzjonijiet imposti.



Il-Kummissjoni se tkompli tiddiskuti l-kwistjoni ma' l-Istati Membri qabel proposta formali għar-reviżjoni tal-qafas ġuridiku, b'mod partikolari fi ħdan il-kuntest tal-konsolidazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarji marbuta mal-kontroll fil-qasama tas-sajd u l-ġlieda kontra prattiki tas-sajd illegali. Sadanittant, il-Kummissjoni jkollha tinsisti li huwa neċessarju li l-Istati Membri jipprovdulha l-informazzjoni li tmur lil hinn mid-*data* statistika sabiex ittejjeb il-kwalità tal-Komunikazzjoni li jmiss u sabiex din issir strument aktar utli għat-trasparenza.

F'dak li jirrigwarda r-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri, il-Kummissjoni għal darb'oħra se titlobhom iqisu kif jixraq l-obbligu li jiggarrantixxu l-konformità mar-regoli tal-PKS bil-mezzi kollha possibbli. Il-Kummissjoni jkollha tgħid li l-Istati Membri ma jissodisfawx l-obbligi kollha tagħhom li jirriżultaw mir-regoli tal-PKS. Biżżejjed jingħata eżempju wieħed: l-Istati Membri bħalissa mhumiex attrezzati bil-mezzi xierqa li jippermettulhom jiġbru, jipproċessaw u jevalwaw *data* dwar "każijiet ta' ksar serju" tar-regoli tal-PKS, kif għandhom jagħmlu. L-Istati Membri ma stabilixxewx *databases* għall-introduzzjoni ta' aspetti rilevanti marbuta ma' kull każ individwali. Il-Kummissjoni tixtieq tinsisti dwar dan il-punt. Mingħajr *database* kompjuterizzati li jkun fih informazzjoni dwar min kiser il-liġi, il-bastiment jew l-impriża, id-dispożizzjonijiet ġuridiċi, l-ispeċijiet u ż-żoni ta' sajd, il-kuntest ekonomiku, l-ispejjeż amministrattivi, is-sanzjonijiet ewlenin u dawk anċillari imposti, mhux se jkun possibbli nivvalutaw l-imġiba, ir-rendiment amministrattivi u l-effikaċja tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ. Huwa biss billi tiġi pproċessata din id-*data* u dik inklużi fid-*databases* diġà previsti mil-liġi Komunitarja (bħar-reġistru tal-Flotta, l-istatistika, ir-reġistri VMS), li tkun possibbli l-valutazzjoni tar-rendiment ta' l-Istati Membri, it-tqabbil bejniethom u eventwalment isir l-aġġustament tal-proċeduri amministrattivi u t-testi leġiżlattivi, sabiex ir-regoli tal-PKS jiġu infurzati effettivament.

Il-Kummissjoni diġà ssuġġeriet format li għandu jintuża mill-amministrazzjoni nazzjonali għal dan il-għan<sup>9</sup>. Hija lesta li tgħin lill-Istati Membri, ukoll finanzjarjament permezz tal-linji eżistenti tal-baġit, biex jiġu stabbiliti għodod ġodda.

Il-Kummissjoni thegħeġ lill-Istati Membri jadattaw il-leġiżlazzjoni u l-organizzazzjoni amministrattiva tagħhom kif jixraq għal dan il-għan.

---

<sup>9</sup> Ara l-Anness IX.

## **Lista ta' tabelli fl-Anness**

- I l-għadd ta' każijiet misjuba skond it-tip ta' infrazzjoni u skond l-Istati Membri;
- II l-għadd ta' każijiet misjuba skond in-nazzjonalità tal-parti li kkommettiet l-infrazzjoni u skond l-Istati Membri;
- III l-għadd ta' każijiet fejn ġew imposti penalitajiet skond it-tip ta' infrazzjoni u skond l-Istati Membri;
- IV il-multa medja skond it-tip ta' infrazzjoni u skond l-Istati Membri;
- V l-għadd ta' konfiski skond it-tip ta' infrazzjoni u skond l-Istati Membri;
- VI l-għadd ta' liċenzji rtirati skond it-tip ta' infrazzjoni u skond l-Istati Membri;
- VII ammont imħallas mill-industrija tas-sajd f'kull Stat Membru bħala konsegwenza ta' każijiet ta' ksur serju;
- VIII multa medja f'kull Stat Membru b'konsegwenza ta' każijiet ta' ksur serju u l-valur tal-qabdiet maħtuta l-art f'kull Stat Membru;
- IX abbozz ta' formola għal ġabra ta' informazzjoni marbuta ma "infrazzjoni serja".

**I. NUMRU TA' KSUR GRAVI SKOND L-ISTAT MEMBRU GĦAS-SENA 2005**

Kodiċi	Tip ta' mġiba	BEL	CZE	DNK	DEU	EST	GRC	ESP	FRA	IRL	ITA	CYP	LTU	LVA	LUX	HUN	MLT	NLD	AUT	POL	PRT	SVN	SVK	FIN	SWE	GBR	TOTAL
A1	Xkiel lix-xogħol ta' l-ispetturi tas-sajd	1		8	1			103	21	6	5							2	2						21	170 2%	
A2	Falsifikar, ħabi, qirda jew tbgħabis ta' l-evidenza								2		1															2	5 0%
B1	Xkiel lix-xogħol ta' l-osservaturi			1				10			2																13 0%
C1	Sajd mingħajr il-pussess ta' liċenzja tas-sajd, ta' permess tas-sajd jew kull awtorizzazzjoni oħra meħtieġa għas-sajd			17	17		33	724	106	19	237			61			2	6		3	341	2		1	4	6	1579 15%
C2	Sajd taħt dokument falzifikat								1	1											2						4 0%
C3	Falsifikar, tħassir jew ħabi tal-marki ta' identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd	2		1			14	37	2	1	10			4				1			27				1		100 1%
D1	Użu jew żamma abbord ta' tagħmir projbit tas-sajd	1		15	12			76	181	5	324			11				11	6	183				1		10	836 8%
D2	Użu ta' metodi projbiti tas-sajd						141	116	1	6	238							7			68				5		582 6%
D3	Nuqqas ta' rbit u stivar ta' tagħmir projbit tas-sajd			1				13	2		2	5		1				3									27 0%
D4	Sajd intenzjonat għal, jew żamma abbord ta', speċijiet suġġetti għall-projbizzjoni ta' sajd	6		67				46	11	17	33									10	5			9	2	24	230 2%
D5	Sajd mhux awtorizzat	9		7		1	146	612	88		950			4				1	7	7	531			1	30	11	2405 23%
D6	Nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-qisien minimu	4		9	12		15	368	221		331							12		12	47	1				8	1040 10%
D7	Nuqqas ta' konformità mar-regoli u l-proċeduri dwar it-trasbord			1							2			4								3					10 0%
E1	Falsifikar jew nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' data fil-ġurnal ta' abbord, eċċ	6		219	52	12	8	256	244	82	94		3	26				62		12	13	10		13	27	125	1264 12%
E2	Tbagħbis bis-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti bbażata fuq is-satellita	3		3	2		19	30	1		2	4								1	3				1	36	105 1%
E3	Nuqqas ta' konformità maħsub mar-regoli Komunitarji dwar it-trażmissjoni remota tal-movimenti tal-bastimenti tas-sajd			13		7			9	1	2			12				2		6	1				2	28	83 1%
E4	Nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli fil-qasam tal-kontrolli mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd matul l-attivitajiet flimijiet Komunitarji			1										1													2 0%
F1	Ħatt ta' prodotti tas-sajd mhux konformi mar-regoli Komunitarji dwar il-kontrolli u l-infurzar	2		2				115	4		6			7					7	46	2				2	11	204 2%
F2	Rażna, ipproċessar, tqegħid fil-bejgħ u trasport ta' prodotti tas-sajd li ma jissodisfawx l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni fis-seħħ			1			1	538	62		1163			1				11									1777 17%
NA	Mhux speċifikat										7																7 0%
	TOTAL għall-Istati Membri:	34 0%		366 4%	96 1%	20 0%	377 4%	3044 29%	956 9%	138 1%	3409 33%	9 0%	3 0%	132 1%				3 0%	131 1%	105 1%	1226 12%	13 0%		25 0%	74 1%	282 3%	10443

## II. KSUR SKOND IL-PAJJIŻ U N-NAZZJONALITÀ GĦAS-SENA 2005

	Nazzjonali	Mhux speċifikat	Pajjiżi terzi	UE	TOTAL
BEL	22	8		4	34
CZE					
DNK	361			5	366
DEU	96				96
EST	19			1	20
GRC	377				377
ESP	2.949		25	70	3.044
FRA	864		37	55	956
IRL	109		1	28	138
ITA	3.280	129			3.409
CYP	9				9
LTU	3				3
LVA	132				132
LUX					
HUN					
MLT	3				3
NLD	117			14	131
AUT					
POL	105				105
PRT	761	358		107	1.226
SVN	13				13
SVK					
FIN	25				25
SWE	53	2		19	74
GBR	234		6	42	282
<b>TOTAL</b>	<b>9.532</b>	<b>497</b>	<b>69</b>	<b>345</b>	<b>10.443</b>

III. NUMRU TA' KAŻI FEJN PENALI ĠEW IMPOSTI U NUMRU TAL-KSUR SKOND IT-TIP TA' KSUR GRAVI U SKOND L-ISTAT MEMBRU GĦAS-SENA 2005

Kodiċi	Tip ta' mġiba	BEL	CZE	DNK	DEU	EST	GRC	ESP	FRA	IRL	ITA	CYP	LTU	LVA	LUX	HUN	MLT	NLD	AUT	POL	PRT	SVN	SVK	FIN	SWE	GBR	TOTAL
A1	Xkiel lix-xogħol ta' l-ispetturi tas-sajd	0 (1)		4 (8)	1 (1)			103 (103)	4 (21)	2 (6)	4 (5)							1 (2)	2 (2)						21 (21)	142 (170) - 84 %	
A2	Falsifikar, ħabi, qirda jew tbgħabis ta' l-evidenza								0 (2)	0 (1)															0 (2)	0 (5) - 0 %	
B1	Xkiel lix-xogħol ta' l-osservaturi			0 (1)				10 (10)			0 (2)																10 (13) - 77 %
C1	Sajd mingħajr il-pussess ta' liċenzja tas-sajd, ta' permess tas-sajd jew kull awtorizzazzjoni oħra meħtieġa għas-sajd			13 (17)	17 (17)		33 (33)	724 (724)	44 (106)	4 (19)	236 (237)			61 (61)				0 (2)	2 (6)	3 (3)	99 (341)	1 (2)		1 (1)	0 (4)	5 (6)	1243 (1579) - 79 %
C2	Sajd taħt dokument falzifikat								0 (1)	0 (1)											1 (2)					1 (4) - 25 %	
C3	Falsifikar, tħassir jew ħabi tal-marki ta' identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd	1 (2)		1 (1)			14 (14)	37 (37)	0 (2)	0 (1)	10 (10)			4 (4)				0 (1)			14 (27)			0 (1)		81 (100) - 81 %	
D1	Użu jew żamma abbord ta' tagħmir projbit tas-sajd	1 (1)		12 (15)	12 (12)			76 (76)	31 (181)	2 (5)	324 (324)			11 (11)				2 (11)		6 (6)	124 (183)			0 (1)	10 (10)	611 (836) - 73 %	
D2	Użu ta' metodi projbiti tas-sajd						141 (141)	116 (116)	0 (1)	1 (6)	238 (238)							2 (7)			43 (68)			0 (5)		541 (582) - 93 %	
D3	Nuqqas ta' rbit u stivar ta' tagħmir projbit tas-sajd			1 (1)				13 (13)	1 (2)		2 (2)	5 (5)		1 (1)				0 (3)								23 (27) - 85 %	
D4	Sajd intenzjonat għal, jew żamma abbord ta', speċijiet suġġetti għall-projbizzjoni ta' sajd	6 (6)		49 (67)				46 (46)	2 (11)	2 (17)	33 (33)									10 (10)	2 (5)			4 (9)	2 (2)	21 (24)	177 (230) - 77 %
D5	Sajd mhux awtorizzat	6 (9)		0 (7)		1 (1)	146 (146)	612 (612)	9 (88)		933 (950)			4 (4)				0 (1)	1 (7)	7 (7)	350 (531)			0 (1)	0 (30)	8 (11)	2077 (2405) - 86 %
D6	Nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-qisien minimu	4 (4)		9 (9)	12 (12)		15 (15)	368 (368)	97 (221)		322 (331)							4 (12)		12 (12)	28 (47)	1 (1)			8 (8)	880 (1040) - 85 %	
D7	Nuqqas ta' konformità mar-regoli u l-proċeduri dwar il-trasbord			1 (1)							2 (2)			4 (4)							2 (3)					9 (10) - 90 %	
E1	Falsifikar jew nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' data fil-ġurnal ta' abbord, eċċ	6 (6)		168 (219)	52 (52)	12 (12)	7 (8)	256 (256)	28 (244)	8 (82)	84 (94)		3 (3)	26 (26)				36 (62)		12 (12)	5 (13)	8 (10)		0 (13)	4 (27)	111 (125)	826 (1264) - 65 %
E2	Tbagħbis bis-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti bbażata fuq isatellita	1 (3)		3 (3)	2 (2)		19 (19)	30 (30)	1 (1)		2 (2)	4 (4)								1 (1)	0 (3)			0 (1)	26 (36)	89 (105) - 85 %	
E3	Nuqqas ta' konformità maħsub mar-regoli Komunitarji dwar it-trażmissjoni remota tal-movimenti tal-bastimenti tas-sajd			12 (13)		7 (7)			0 (9)	0 (1)	2 (2)			12 (12)				0 (2)		6 (6)	1 (1)			0 (2)	23 (28)	63 (83) - 76 %	
E4	Nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli fil-qasam tal-kontrolli mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd matul l-attivitajiet filmijiet Komunitarji			1 (1)											1 (1)											2 (2) - 100 %	
F1	Flatt ta' prodotti tas-sajd mhux konformi mar-regoli Komunitarji dwar il-kontrolli u l-infurzar	2 (2)		2 (2)				115 (115)	1 (4)		6 (6)			7 (7)				2 (7)		46 (46)	0 (2)			0 (2)	7 (11)	188 (204) - 92 %	
F2	Rażna, ipproċessar, tqegħid fil-bejgħ u trasport ta' prodotti tas-sajd li ma jissodisfawx l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni fis-seħħ			1 (1)			1 (1)	538 (538)	22 (62)		1125 (1163)			1 (1)					7 (11)								1695 (1777) - 95 %
NA	Mhux speċifikat									7 (7)																7 (7) - 100 %	
	TOTAL għall-Istati Membri:	27 (34) 79 %		277 (366) 100 %	96 (96) 100 %	20 (20) 100 %	376 (377) 100 %	3044 (3044) 100 %	240 (956) 25 %	19 (138) 14 %	3330 (3409) 98 %	9 (9) 100 %	3 (3) 100 %	132 (132) 100 %				0 (3) 0 %	57 (131) 44 %		105 (105) 100 %	669 (1226) 55 %	10 (13) 77 %	5 (25) 20 %	6 (74) 8 %	240 (282) 85 %	8665 (10443) 83 %

IV. MULTA MEDJA U NUMRU TAL-KSUR SKOND IT-TIP TA' KSUR GRAVI U SKOND L-ISTAT MEMBRU GĦAS-SENA 2005

Kodiċi	Tip ta' mġiba	BEL	CZE	DNK	DEU	EST	GRC	ESP	FRA	IRL	ITA	CYP	LTU	LVA	LUX	HUN	MLT	NLD	AUT	POL	PRT	SVN	SVK	FIN	SWE	GBR	TOTAL
A1	Xkiel lix-xogħol ta' l-i spetturi tas-sajd			794 (3)	531 (1)			2241 (103)		2222 (2)	206 (4)							300 (1)		3213 (2)						2688 (20)	2202 (136)
A2	Falsifikar, ħabi, qirda jew tbgħabis ta' l-evidenza																										
B1	Xkiel lix-xogħol ta' l-osservaturi							674 (10)																			674 (10)
C1	Sajd mingħajr il-pussess ta' liċenzja tas-sajd, ta' permess tas-sajd jew kull awtorizzazzjoni oħra meħtieġa għas-sajd			1761 (4)	13710 (11)		467 (33)	1359 (724)	26532 (18)	4852 (3)	1216 (218)			76 (61)				225 (2)		165 (3)	667 (65)	42 (1)				2480 (2)	1719 (1145)
C2	Sajd taħt dokument falzifikat																				150 (1)						150 (1)
C3	Falsifikar, tħassir jew ħabi tal-marki ta' identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd						400 (14)	556 (37)			95 (10)				114 (4)						170 (6)						403 (71)
D1	Użu jew żamma abbord ta' tagħmir proġbit tas-sajd			1606 (4)	2620 (5)			1287 (76)	5750 (7)	2049 (2)	1119 (305)				83 (11)			2500 (2)		186 (6)	668 (20)					7058 (7)	1287 (445)
D2	Użu ta' metodi proġbiti tas-sajd						646 (141)	682 (116)			3333 (1)	1341 (205)						325 (2)			660 (10)						959 (475)
D3	Nuqqas ta' rbit u stivar ta' tagħmir proġbit tas-sajd							553 (13)	300 (1)			140 (5)			285 (1)												424 (20)
D4	Sajd intenzjonat għal, jew żamma abbord ta', speċijiet suġġetti għall-projbizzjoni ta' sajd	4300 (4)		514 (23)				1191 (46)	9000 (1)	1979 (2)	1075 (25)									1359 (6)				206 (4)	7817 (15)	1983 (126)	
D5	Sajd mhux awtorizzat	1375 (1)				192 (1)	898 (146)	1474 (612)	2200 (2)		953 (766)			249 (4)				0 (1)		484 (7)	511 (123)					3764 (7)	1116 (1670)
D6	Nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-qisien minimu	250 (2)		629 (8)	1303 (10)		600 (15)	2433 (368)	507 (9)		2912 (52)							550 (4)		206 (12)	465 (13)	104 (1)				864 (3)	2198 (497)
D7	Nuqqas ta' konformità mar-regoli u l-proċeduri dwar it-trasbord			1074 (1)											67 (4)												269 (5)
E1	Falsifikar jew nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' data fil-ġurnal ta' abbord, eċċ	2063 (2)		523 (111)	108 (49)	158 (12)	429 (7)	911 (256)	623 (22)	3399 (8)	643 (74)		251 (3)	165 (26)				61 (36)		525 (12)	319 (5)	104 (8)			582 (4)	8227 (68)	1382 (703)
E2	Tbgħabis bis-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti bbażata fuq is-satelita	125 (1)			276 (2)		1174 (19)	1100 (30)			2065 (2)									1236 (1)						3295 (8)	1392 (63)
E3	Nuqqas ta' konformità maħsub mar-regoli Komunitarji dwar it-trażmissjoni remota tal-movimenti tal-bastimenti tas-sajd			671 (2)		127 (7)					1554 (2)			231 (12)						576 (6)						1236 (9)	597 (38)
E4	Nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli fil-qasam tal-kontrolli mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd matul l-attivitajiet f'ilmijiet Komunitarji			503 (1)										142 (1)													323 (2)
F1	Ħatt ta' prodotti tas-sajd mhux konformi mar-regoli Komunitarji dwar il-kontroll u l-infurzar							1571 (115)			4154 (6)			244 (7)				500 (2)		494 (46)						8034 (7)	1570 (183)
F2	Ħażna, ipproċessar, tqegħid fil-bejġh u trasport ta' prodotti tas-sajd li ma jissodisfawx l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni fis-seħħ			503 (1)			600 (1)	2819 (538)	250 (2)		1634 (859)			285 (1)				96 (7)									2074 (1409)
NA	Mhux speċifikat										1327 (7)																1327 (7)
	TOTAL għall-Istati Membri:	2333 (10)		596 (158)	2350 (78)	149 (20)	740 (376)	1722 (3044)	8876 (62)	3199 (18)	1295 (2535)	140 (5)	251 (3)	127 (132)				219 (57)		552 (101)	555 (243)	98 (10)		206 (4)	582 (4)	6216 (146)	1548 (7006)
	MAX E.M.	8.250		5.368	150.000	1.150	6.000	61.500	75.000	10.000	10.330	140	290	711				2.500		4.942	7.500	104		440	1.633	49.581	

V. NUMRU TA' QPID U NUMRU TAL-KSUR SKOND IT-TIP TA' KSUR GRAVI U SKOND L-ISTAT MEMBRU GĦAS-SENA 2005

Kodiċi	Tip ta' mġiba	BEL	CZE	DNK	DEU	EST	GRC	ESP	FRA	IRL	ITA	CYP	LTU	LVA	LUX	HUN	MLT	NLD	AUT	POL	PRT	SVN	SVK	FIN	SWE	GBR	TOTAL
A1	Xkiel lix-xogħol ta' l-isperturi tas-sajd	0 (1)		1 (9)	0 (1)			0 (103)	3 (21)	2 (6)	0 (5)							0 (2)	0 (2)							5 (21)	11 (170) - 6 %
A2	Falsifikar, ħabi, qirda jew tbgħabis ta' l-evidenza								0 (2)		0 (1)															0 (2)	0 (5) - 0 %
B1	Xkiel lix-xogħol ta' l-osservaturi			0 (1)				0 (10)			0 (2)																0 (13) - 0 %
C1	Sajd mingħajr il-pussess ta' liċenzja tas-sajd, ta' permess tas-sajd jew kull awtorizzazzjoni oħra meħtieġa għas-sajd			1 (17)	0 (17)		12 (33)	0 (724)	42 (106)	3 (19)	154 (237)			0 (61)			0 (2)	1 (6)	0 (3)	35 (341)	0 (2)			0 (1)	0 (4)	4 (6)	252 (1579) - 16 %
C2	Sajd taħt dokument falzifikat							0 (1)	0 (1)											0 (2)							0 (4) - 0 %
C3	Falsifikar, tħassir jew ħabi tal-marki ta' identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd	0 (2)		0 (1)			2 (14)	0 (37)	0 (2)	0 (1)	1 (10)			0 (4)				0 (1)		6 (27)					0 (1)		9 (100) - 9 %
D1	Użu jew żamma abbord ta' tagħmir projbit tas-sajd	1 (1)		3 (15)	5 (12)			0 (76)	25 (181)	2 (5)	300 (324)			0 (11)				0 (11)	0 (6)	110 (183)					0 (1)	3 (10)	449 (836) - 54 %
D2	Użu ta' metodi projbiti tas-sajd						95 (141)	0 (116)	0 (1)	1 (6)	224 (238)									0 (7)		31 (68)			0 (5)	351 (582) - 60 %	
D3	Nuqqas ta' rbit u stivar ta' tagħmir projbit tas-sajd			0 (1)				0 (13)	1 (2)		2 (5)	5 (5)		0 (1)				0 (3)									8 (27) - 30 %
D4	Sajd intenzjonat għal, jew żamma abbord ta', speċijiet suġġetti għall-projbizzjoni ta' sajd	4 (6)		21 (67)				0 (46)	2 (11)	2 (17)	12 (33)									0 (10)	2 (5)			0 (9)	2 (2)	14 (24)	59 (230) - 26 %
D5	Sajd mhux awtorizzat	0 (9)		0 (7)		0 (1)	44 (146)	0 (612)	5 (88)		718 (950)			0 (4)				0 (1)	1 (7)	0 (7)	239 (531)			0 (1)	0 (30)	2 (11)	1009 (2405) - 42 %
D6	Nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-qisien minimu	4 (4)		0 (9)	4 (12)		15 (15)	1 (368)	85 (221)		317 (331)							4 (12)	0 (12)	20 (47)	0 (1)					2 (8)	452 (1040) - 43 %
D7	Nuqqas ta' konformità mar-regoli u l-proċeduri dwar it-trasbord			1 (1)							2 (2)			0 (4)							2 (3)						5 (10) - 50 %
E1	Falsifikar jew nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' data fil-ġurnal ta' abbord, eċċ	6 (6)		22 (219)	0 (52)	0 (12)	0 (8)	0 (256)	6 (244)	8 (82)	21 (94)		0 (3)	0 (26)				2 (62)	0 (12)	0 (13)	0 (10)	0 (10)		0 (13)	0 (27)	51 (125)	116 (1264) - 9 %
E2	Tbagħbis bis-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti bbażata fuq isatellita	0 (3)		0 (3)	0 (2)		0 (19)	0 (30)	1 (1)		2 (2)	4 (4)								0 (1)	0 (3)				0 (1)	5 (36)	12 (105) - 11 %
E3	Nuqqas ta' konformità maħsub mar-regoli Komunitarji dwar it-trażmissjoni remota tal-movimenti tal-bastimenti tas-sajd			0 (13)		0 (7)			0 (9)	0 (1)	0 (2)			0 (12)				0 (2)	0 (6)	0 (1)					0 (2)	9 (28)	9 (83) - 11 %
E4	Nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli fil-qasam tal-kontrolli mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd matul l-attivitajiet f'ilmijiet Komunitarji			0 (1)										0 (1)													0 (2) - 0 %
F1	Ħatt ta' prodotti tas-sajd mhux konformi mar-regoli Komunitarji dwar il-kontrolli u l-infurzar	2 (2)		0 (2)				0 (115)	1 (4)		4 (6)			0 (7)				0 (7)	0 (46)	0 (2)					0 (2)	7 (11)	14 (204) - 7 %
F2	Ħażna, ipproċessar, tqegħid fil-bejgħ u trasport ta' prodotti tas-sajd li ma jissodisfawx l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni fis-seħħ			0 (1)			1 (1)	0 (538)	17 (62)		530 (1163)			0 (1)				0 (11)									548 (1777) - 31 %
NA	Mhux speċifikat										4 (7)																4 (7) - 57 %
	TOTAL għall-Istati Membri:	17 (34) 50 %		49 (366) 13 %	9 (96) 9 %	0 (20) 0 %	169 (377) 45 %	1 (3044) 0 %	188 (956) 20 %	18 (138) 13 %	2291 (3409) 67 %	9 (9) 100 %	0 (3) 0 %	0 (132) 0 %	0 (132) 0 %			0 (3) 0 %	8 (131) 6 %	0 (105) 0 %	445 (1226) 36 %	0 (13) 0 %		0 (25) 0 %	2 (74) 3 %	102 (282) 36 %	3308 (10443) 32 %

**VI. NUMRU TA' LIĊENZJI RTIRATI U KSUR GRAVI SKOND L-ISTAT MEMBRU GĦAS-SENA 2005**

Kodiċi	Tip ta' mġiba	BEL	CZE	DNK	DEU	EST	GRC	ESP	FRA	IRL	ITA	CYP	LTU	LVA	LUX	HUN	MLT	NLD	AUT	POL	PRT	SVN	SVK	FIN	SWE	GBR	TOTAL
A1	Xkiel lix-xogħol ta' l-ispetturi tas-sajd	0 (1)		1 (9)	0 (1)			0 (103)	1 (21)	0 (6)	0 (5)							0 (2)	0 (2)						0 (21)	2 (170) - 1 %	
A2	Falsifikar, ħabi, qirda jew tbgħabis ta' l-evidenza								0 (2)		0 (1)															0 (2)	0 (5) - 0 %
B1	Xkiel lix-xogħol ta' l-osservaturi			0 (1)				0 (10)			0 (2)																0 (13) - 0 %
C1	Sajd mingħajr il-pussess ta' liċenzja tas-sajd, ta' permess tas-sajd jew kull awtorizzazzjoni oħra meħtieġa għas-sajd			0 (17)	0 (17)		19 (33)	0 (724)	0 (106)	0 (19)	0 (237)			0 (61)			0 (2)	0 (6)	0 (3)	0 (341)	0 (2)	0 (1)	0 (4)	0 (6)		19 (1579) - 1 %	
C2	Sajd taħt dokument falzifikat							0 (1)	0 (1)											0 (2)							0 (4) - 0 %
C3	Falsifikar, tħassir jew ħabi tal-marki ta' identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd	0 (2)		0 (1)			9 (14)	0 (37)	0 (2)	0 (1)	0 (10)			0 (4)				0 (1)		0 (27)					0 (1)		9 (100) - 9 %
D1	Użu jew żamma abbord ta' tagħmir projbit tas-sajd	0 (1)		7 (15)	0 (12)			0 (76)	0 (181)	0 (5)	0 (324)			0 (11)				0 (11)	0 (6)	0 (183)				0 (1)	0 (10)	7 (836) - 1 %	
D2	Użu ta' metodi projbiti tas-sajd						87 (141)	0 (116)	0 (1)	0 (6)	0 (238)							0 (7)		0 (68)					0 (5)	87 (582) - 15 %	
D3	Nuqqas ta' rbit u stivar ta' tagħmir projbit tas-sajd			0 (1)				0 (13)	0 (2)	0 (2)	0 (5)			0 (1)				0 (3)									0 (27) - 0 %
D4	Sajd intenzjonat għal, jew żamma abbord ta', speċijiet suġġetti għall-projbizzjoni ta' sajd	0 (6)		21 (67)				0 (46)	0 (11)	0 (17)	0 (33)								0 (10)	0 (5)				0 (9)	0 (2)	0 (24)	21 (230) - 9 %
D5	Sajd mhux awtorizzat	0 (9)		0 (7)			138 (146)	0 (612)	2 (88)		0 (950)			0 (4)			0 (1)	0 (7)	0 (7)	0 (531)				0 (1)	0 (30)	0 (11)	140 (2405) - 6 %
D6	Nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-qisien minimu	0 (4)		0 (9)	0 (12)		15 (15)	1 (368)	5 (221)		0 (331)							0 (12)	0 (12)	0 (47)	0 (1)				0 (8)	21 (1040) - 2 %	
D7	Nuqqas ta' konformità mar-regoli u l-proċeduri dwar it-trasbord			0 (1)							0 (2)			0 (4)							0 (3)						0 (10) - 0 %
E1	Falsifikar jew nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' data fil-ġurnal ta' abbord, eċċ	0 (6)		16 (219)	0 (52)	0 (12)	5 (8)	0 (256)	0 (244)	0 (82)	0 (94)		0 (3)	0 (26)				0 (62)	0 (12)	0 (13)	0 (10)	0 (13)	0 (27)	0 (125)	0 (125)	21 (1264) - 2 %	
E2	Tbagħbis bis-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti bbażata fuq isatellita	0 (3)		0 (3)	0 (2)		5 (19)	0 (30)	0 (1)	0 (2)	0 (4)								0 (1)	0 (3)					0 (1)	0 (36)	5 (105) - 5 %
E3	Nuqqas ta' konformità maħsub mar-regoli Komunitarji dwar it-trażmissjoni remota tal-movimenti tal-bastimenti tas-sajd			2 (13)		0 (7)			0 (9)	0 (1)	0 (2)			0 (12)				0 (2)	0 (6)	0 (1)					0 (2)	0 (28)	2 (83) - 2 %
E4	Nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli fil-qasam tal-kontrolli mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd matul l-attivitajiet f'ilmijiet Komunitarji			0 (1)										0 (1)													0 (2) - 0 %
F1	Ħatt ta' prodotti tas-sajd mhux konformi mar-regoli Komunitarji dwar il-kontrolli u l-infurzar	0 (2)		0 (2)				0 (115)	0 (4)	0 (6)	0 (6)			0 (7)				0 (7)	0 (46)	0 (2)					0 (2)	0 (11)	0 (204) - 0 %
F2	Ħażna, ipproċessar, tqegħid fil-bejgħ u trasport ta' prodotti tas-sajd li ma jissodisfawx l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni fis-seħħ			0 (1)			1 (1)	0 (538)	0 (62)		0 (1163)			0 (1)				0 (11)									1 (1777) - 0 %
NA	Mhux speċifikat									0 (7)																	0 (7) - 0 %
	<b>TOTAL għall-Istati Membri:</b>	0 (34) 0 %		47 (366) 13 %	0 (96) 0 %	0 (20) 0 %	279 (377) 74 %	1 (3044) 0 %	8 (956) 1 %	0 (138) 0 %	0 (3409) 0 %	0 (9) 0 %	0 (3) 0 %	0 (132) 0 %	0 (3) 0 %	0 (131) 0 %	0 (3) 0 %	0 (131) 0 %	0 (105) 0 %	0 (1226) 0 %	0 (13) 0 %	0 (13) 0 %	0 (25) 0 %	0 (74) 0 %	0 (282) 0 %	0 (10443) 3 %	



VII. L-AMMONT IMĦALLAS MIS-SETTUR TAS-SAJD F'KULL STAT MEMBRU B'RIŻULTAT TA' KAŻIJET TA' KSUR GRAVI GĦAS-SENA 2005

Kodiċi	Tip ta' mgħiba	BEL	CZE	DNK	DEU	EST	GRC	ESP	FRA	IRL	ITA	CYP	LTU	LVA	LUX	HUN	MLT	NLD	AUT	POL	PRT	SVN	SVK	FIN	SWE	GBR	TOTAL	TOTAL
A1	Xkiel lix-xogħol ta' l-iस्पetturi tas-sajd			2.382	531			230.836		4.444	824							300		6.425						53.761	299.502	2,76%
A2	Falsifikar, ħabi, qirda jew tbgħabis ta' l-evidenza																										0	0,00%
B1	Xkiel lix-xogħol ta' l-osservaturi							6.740																			6.740	0,06%
C1	Sajd mingħajr il-pussess ta' liċenzja tas-sajd, ta' permess tas-sajd jew kull awtorizzazzjoni oħra meħtieġa għas-sajd			7.045	150.807		15.400	983.665	477.575	14.556	265.045			4.664				450		495	43.379	42				4.959	1.968.081	18,14%
C2	Sajd taħt dokument falzifikat																				150						150	0,00%
C3	Falsifikar, tħassir jew ħabi tal-marki ta' identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd						5.600	20.588			945			456							1.017						28.606	0,26%
D1	Użu jew żamma abbord ta' tagħmir projbit tas-sajd			6.425	13.100			97.796	40.250	4.097	341.210			909				5.000		1.114	13.354					49.404	572.659	5,28%
D2	Użu ta' metodi projbiti tas-sajd						91.094	79.066		3.333	274.812							650			6.604						455.559	4,20%
D3	Nuqqas ta' rbit u stivar ta' tagħmir projbit tas-sajd							7.191	300			702		285													8.477	0,08%
D4	Sajd intenzjonat għal, jew żamma abbord ta', speċijiet suġġetti għall-projizzjoni ta' sajd	17.200		11.832				54.772	9.000	3.958	26.878									8.156				823	117.259	249.878	2,30%	
D5	Sajd mhux awtorizzat	1.375				192	131.105	902.005	4.400		730.358			996				0		3.386	62.825					26.350	1.862.992	17,17%
D6	Nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-qisien minimu	500		5.031	13.030		9.000	895.443	4.560		151.398							2.200		2.473	6.043	104				2.592	1.092.374	10,07%
D7	Nuqqas ta' konformità mar-regoli u l-proċeduri dwar it-trasbord			1.074										269													1.343	0,01%
E1	Falsifikar jew nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' data fil-ġurnal ta' abbord, eċċ	4.125		58.049	5.306	1.893	3.000	233.184	13.705	27.194	47.595		753	4.295				2.200		6.302	1.597	832			2.327	559.444	971.801	8,96%
E2	Tbghbis bis-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti bbażata fuq is-satellita	125			552		22.300	33.007			4.129									1.236						26.363	87.712	0,81%
E3	Nuqqas ta' konformità maħsub mar-regoli Komunitarji dwar it-trażmissjoni remota tal-movimenti tal-bastimenti tas-sajd			1.342		891					3.108			2.774						3.458						11.121	22.694	0,21%
E4	Nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli fil-qasam tal-kontrolli mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd matul l-attivitajiet F'ilmijiet Komunitarji			503										142													645	0,01%
F1	Ħatt ta' prodotti tas-sajd mhux konformi mar-regoli Komunitarji dwar il-kontroll u l-infurzar							180.721			24.924			1.707				1.000		22.725						56.239	287.316	2,65%
F2	Ħażna, ipproċessar, tqegħid fil-bejgħ u trasport ta' prodotti tas-sajd li ma jissodisfawx l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni fis-seħħ			503			600	1.516.862	500		1.403.193			285				675									2.922.618	26,94%
NA	Mhux speċifikat										9.288																9.288	0,09%
	TOTAL għall-Istati Membri:	23.325		94.185	183.326	2.976	278.099	5.241.873	550.290	57.583	3.283.706	702	753	16.782				12.475		55.770	134.969	978		823	2.327	907.492	10.848.434	
	%	0,22 %		0,87 %	1,69 %	0,03 %	2,56 %	48,32 %	5,07 %	0,53 %	30,27 %	0,01 %	0,01 %	0,15 %				0,11 %		0,51 %	1,24 %	0,01 %		0,01 %	0,02 %	8,37 %	100,00 %	
	Għadd ta' bastimenti	120		3.268	2.117	1.047	18.269	13.700	7.857	1.419	14.401	883	268	928				1.424	829	974	9.155	173		3.266	1.603	6.768	88.469	

ANNEX VIII: IL-MULTA MEDJA F'KULL STAT MEMBRU U L-VALUR TAL-ĦATT L-ART

	BEL	CZE	DNK	DEU	EST	GRC	ESP	FRA	IRL	ITA	CYP	LTU	LVA	LUX	HUN	MLT	NLD	AUT	POL	PRT	SVN	SVK	FIN	SWE	GBR	TOTAL
L-għadd ta' bastimenti attivi	121		3269	2121	1045	18279	13684	7859	1415	14426	886	271	928			1420	828		974	9186	173		3267	1639	6766	<b>88557</b>
It-total tal-ksur serju	34		366	96	20	377	3044	956	138	3049	9	3	132			3	131		105	1226	13		25	74	282	<b>10443</b>
L-ammont għal kull ksur	686,03		257,33	1909,64	148,80	737,66	1722,03	575,61	417,27	1076,97	77,97	251	127,13			0	95,22		531,14	110,08	75,23		32,92	31,44	3218,05	<b>1038,82</b>
Multa medja meta tiġi imposta l-penali	2333		596	2350	149	740	1722	8876	3199	1295	140	251	127			0	219		552	555	98		206	582	6216	<b>1548</b>
Il-valur tal-ħatt l-art (€ miljuni)	79		364	81	na	284	1873	803	253	993	na	na	na			na	378		na	65	na		17	306	691	<b>6185</b>
Il-valur tal-ħatt l-art għal kull bastiment attiv	651752		111412	38189	na	15520	136875	102211	178798	68825	na	na	na			na	456871		na	7.048	na		4776	18652	102131	<b>69848</b>
% tal-multa medja fuq il-valur medju ta' l-inżul fi-art ta' kull sena	0,36%		0,53%	6,15%	na	4,77%	1,26%	8,68%	1,79%	1,88%	na	na	na			na	0,05%		na	7,87%	na		4,31%	0,31%	6,09%	<b>2,22%</b>

ANNEX IX

FORMOLA LI GĦANDHA TIMTELA MILL-ISTATI MEMBRI

**Nru tal-fajl**

*Id-data* relatata ma' l-infrazzjoni

**Il-kodiċi ta' l-infrazzjoni:**

**Dispożizzjonijiet Ġurdiċi**

**Numru tar-reġistrazzjoni tal-flotta:**

\* **Sid il-bastiment:**

\* **Isem il-Kaptan:**

\* **Isem il-Kumpanija tat-Trasport:**

\* **Isem Kummerċjali:**

...

**Fajl marbuta mal-fajl nru:**

*\* jistgħu jintużaw kodiċijiet bħan-numru tal-VAT*

*Id-data* relatata mal-proċedura

**L-awtorità li stabilixxiet ir-rekord:**

**Post u data tar-rekord.**

**Referenza għal-leġiżlazzjoni:**

**L-awtorità responsabbli għall-proċedimenti:**

**It-tip ta' proċediment: amministrattiv      kriminali**

**Id-data tad-deċiżjoni finali**

**Id-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni.**

*Id-data* relatata mad-deċiżjoni

**Ammont impost**

**€ :**

**Sospenjoni ta' l-intitolament professjonali**

**xhur**

**Daqs tal-qabdiet**

**valur f'€**

**Daqs ta' l-irkaptu**

**valur f'€**

**Valur tal-qabdiet mabuda/mibjugħa illegalment**

**valur f'€**

**Deċiżjoni ppubblikata**

**gazzetta**

*Data marbuta ma' l-ispeċijiet ewlenin ikkonċernati u ż-żona fejn seħħet l-infrazzjoni*

**Kodiċijiet FAO u ICES**

**Organizzazzjoni tas-Sajd Reġjonali (RFO) Responsabbli**

**Pjan ta' rkupru kkonċernat**

*Data marbuta ma' aspetti ekonomiċi u soċjali*

**Tul tal-bastiment: > 10 m; > 15 m > 24 m, > 40 m**

**Fatturat annwali ta' l-impriża**

**L-għadd ta' impjegati:**

**Finanzjament tal-Komunità**

**Riskju ta' falliment**